MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 496/1999/2

**Joseph Saliba**

**Vs**

**Felix Agius**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-25 ta’ Frar, 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi f’artikolu ntitolat *“Inkjesti kontra Inkjesti”* ippubblikat fit-tnax il-faccata tal-harga ta’ *“Kullhadd”* tal-Hadd, 8 ta’ Novembru, 1998 ta’ liema pubblikazzjoni l-konvenut huwa l-editur – gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku; illi l-attur bhala parti malafamata u offiza ghandha d-dritt

ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta); talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponieh ghad-disprezz u ghar-ridikolu tal-pubbliku;

2. Tikkundannah ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa f'ammont li ma jeccedix hames t'elef lira (Lm 5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta' Novembru, 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-artikolu in kwistjoni m'huwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur.

2. Illi inkwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni li huwa *'fair comment'* maghmul in *bona fede* u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt, liema fatt huma sostanzjalment veri, illi konsegwentement it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar, 2001, li in forza taghha laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat l-konvenut responsabbli ta' malafama fil-konfront ta' l-attur bl-artikolu imsemmi u konsegwentement ikkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' hames mitt lira Maltija (Lm 500).

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut u r-risposta ta’ l-attur;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-17 ta’ Novembru, 2003, li in forza taghha laqghet l-appell, hassret u irrevokat is-sentenza appellata u, fil-waqt li qieghdet lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu fiha minnufih wara d-digriet tad-19 ta’ Jannar, 2001, ordnat li l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem din il-Qorti sabiex din tkompli tisma’ l-istess kawza skond il-ligi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Novembru, 2003, li in forza tieghu appuntat li kawza ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2004, fl-12.00pm *“ghall-provi tal-konvenut, li ghandu jharrek il-provi li fadallu”.;*

Rat li fis-seduta tal-7 ta’ Mejju, 2004, la deher il-konvenut, la deher l-Avukat tieghu u lanqas gew imharrka x-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, kif inghad, din il-kawza kienet gia deciza minn din il-Qorti fl-14 ta’ Frar, 2001, u dik is-sentenza giet revokata ghax fil-waqt li din il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-konvenut biex jipproduci bhala xhieda lil Michael Fenech u Godfrey Pirotta, u awtorizzat il-hrug tat-tahrika relattiva taz-zewg xhieda biex jiddeponu, u dana b’digriet tad-19 ta’ Jannar, 2001, bi zvista din il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza minghajr ma pprovdiet biex tisma’ lill-indikati xhieda.

Din il-Qorti, wara li l-atti tal-process gew rimessi lilha, regghet appuntat il-kawza ghal quddiemha ghal jum u hin preciz, b’ordni specifiku li f’dik is-seduta kellu jressaq il-provi li kien fadallu l-konvenut.  Kopja ta’ dak id-digriet, kif inhi l-prattika ta’ din il-Qorti kif presseduta, thalla fil-Kamra ta’ l-Avukati ghal konsiderazzjoni tal-mandatarji tal-partijiet, *cioe’*, ta’ l-Avukati taghhom.

Fil-jum u hin stabbiliti ghas-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan ma deherx, la deher l-Avukat tieghu u lanqas gew imharka x-xhieda indikati.  La darba fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2004, il-konvenut u/jew id-difensur tieghu ma iddenjawx ruhhom li jidhru, u la darba l-kawza kienet rinvjata quddiem din il-Qorti ghal iskop precis biex din il-Qorti tisma' l-provi ta' l-konvenut, din il-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza.  Anke jekk il-mandatarju ta' l-konvenut jallega li hu ma hax konjizzjoni tad-digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2003, xorta l-konvenut u/jew l-Avukat tieghu kellhom obbligu jsegwu l-kawza wara s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, jew, ta' l-inqas, jattendu ghas-seduta li fiha kellha tinstema l-kawza u li ghaliha l-konvenut kien gie debitament notifikat.  Il-konvenut, din id-darba, inghata u kellu l-opportunita' iressaq il-provi tieghu, izda naqas li jisufrewixxi ruhu minn dik l-opportunita'.  Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Pantalleresco vs Starbrite Cleaners", deciza fit-12 ta' Mejju, 2003, ma jkunx hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali u lanqas nullita' tad-decizjoni, jekk il-konvenut ma jressaqx provi ghax *nonostante* l-opportunita' moghti lilu biex iressaq il-provi tieghu, baqa' inadempjenti (ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza "Vassallo vs Bondin", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2001).

Ghar-rigward il-meritu tal-kawza, din il-Qorti regghet ezaminat l-atti processwali, u wara li ikkunsidrat l-kuntest tal-artikolu in kwistjoni, tqies, kif ghamlet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 2001, li dak l-artikolu ghandu jitqies bhala malafamanti ghall-attur.  Din il-Qorti tqies li l-argumenti migjuba fis-sentenza precedenti huma validi, u taddatthom anke ghal fini ta' din id-decizjoni.

Il-Qorti, ghalhekk, sejra tipproduci l-argumentazzjonijiet adoperati minn din il-Qorti biex isostni l-ilment ta' l-attur, u dan peress li hi pienament taqbel maghhom.

*"L-artikolu in kwistjoni iffirmat bil-pseudonomu Erasmus igieb it-titolu "Inkjesti kontra Inkjesti'. Dan l-artikolu li nkiteb ftit wara l-elezzjoni tan-1998 jiffoka fuq l-allegata korruzzjoni fil-Partit Nazzjonalista u senjatament l-awtur ipoggi taht il-mira tieghu lil Dr. Eddie Fenech Adami, lil Perit Ninu Zammit, lill-Avukat Dr. Louis Galea u fl-ahharnett lill-attur dwar min, wara li jissemma li dan kien inhatar "Campaign Manager" ghall-elezzjoni tan-1998, jkompli hekk:-*

*'Imma tghid lesti jaghmlu inkjesta fuq Joe Saliba talli kien isib xi impieg minn taht ghal xi kostitwent tieghu? L-inkjesti jezistu biex wiehed jitkixxef dwar xi haga li xi hadd ried jostor. Tghid lesti jitkixfu n-Nazzjonalisti fuq Joe Saliba? Tghid Gonzi jixtieq ikun jaf sa fejn jasal il-General Saliba? Jew behsiebu jlahqu fuq xi Bord? Nistieden lil Gordon Pace biex waqt il-programm tieghu jinsisti, bhal ma jinsisti ma kull ministru li jitfacca quddiemu, biex jinvestiga l-operat ta' Joe Saliba fl-inkarigi li kellu fi zmien Gvern Nazzjonalista. Jew hawn ligi wahda ghall-Laburisti u ohra ghan-Nazzjonalisti?'*

*L-attur oggezzjona ghal dan l-artikolu billi, kif jinghad fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, qed jinghad li (a) ghandha ssir inkjesta fuqu talli kien isib xi impieg minn taht ghal xi kostitwent tieghu u (b) billi Gordon Pace ghandu jinsisti biex jinvestiga l-operat tieghu fl-inkarigi li kellu fi zmien Gvern Nazzjonalista. L-attur jkompli jghid li dak li l-awtur qed jghid huwa malafamanti billi l-inkjesti u l-investigazzjonijiet ghandhom li skop li jinkixef "xi haga li xi hadd ried jostor".*

*Barra minn hekk l-attur hassu aggravat billi dak li hemm fl-artikolu jimplika li huwa kiser il-ligi tal-pajjiz billi wettaq xi att illegali.*

*L-attur fl-ewwel lok beda biex jichad kull allegazzjoni li saret kontra tieghu u fix-xhieda kompla jispjega li huwa kellu tlett karigi u cioe' lecturer fl-Universita' ta' Malta, membru tal-Kalaxlokk u membru tal-Bord tal-Koperattivi. Fl-ebda kariga, jghid l-attur, ma kellu l-fakolta' li jimpjega n-nies u ghalhekk cahad kategorikament li huwa qatt*

*impjega persuni u anqas u anqas li impjega persuni mil-kostitwenza tieghu. In kontro ezami l-attur gie mistoqsi dwar l-partecipazzjoni tieghu fl-elezzjonijiet generali tan-1992 u dik tan-1996 u filwaqt li stqarr li kien ikun avvicinat mill-kostitwenti tieghu sabiex jsibilhom impieg huwa qatt ma irnexxielu jaghmel hekk. Ghal kuntrarju meta kien membru tal-Bord tal-Koperattivi qatt ma kien avvicinat biex jsib impieg ghal xi hadd. Mistoqsi dwar il-konnessjoni tieghu ma' certu Michael Fenech l-attur stqarr li dan kien habib tieghu u jaf li kien gie impjegat ma' l-Appogg ghal Koperativi meta l-istess attur kien membru tal-Bord tal-istess Koperattivi. Izda l-attur qal li qabel ma gie diskuss l-ingagg ta' din il-persuna huwa kien gab a konjizzjoni tal-membri l-ohra tal-Bord l-fatt li kien habib tieghu.*

*Mil fuq espost jidher li saru allegazzjonijiet serji kontra l-attur in kwantu qed jinghad jew jigi allegat li waqt li kien qed jokkupa kariga pubblika huwa abbuza mill-pozizzjoni tieghu billi impjega xi persuna partikolarment kostitwenti tieghu u dana biex jirbah xi vantagg fl-elezzjoni. Mhux biss izda saret insistenza partikolari sabiex il-komportament tieghu jigi investigat biex jittiehdu passi legali kontrih.*

*Il-konvenut eccepixxa l-"fair comment" u l-verita' tal-fatti. Dwar it-tieni ipotezi l-konvenut ma ressaq ebda prova u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha. Dwar l-eccezzjoni tal-"fair comment" jigi rilevat li l-artikolu in kwistjoni ma jammontax ghall-kummenti izda ghall-allegazzjonijiet ta' imgieba hazina da parti ta' persuna f'kariga pubblika liema allegazzjonijiet lanqas ma gew sostanzjati.*

*Il-Qorti ghalhekk issib li t-talbiet attrici huma ppruvati mentri l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma gewx sostnuti."*

Illi bid-dikjarazzjoni tar-Registratur ta' l-Istampa tal-25 ta' Frara 1999 jirrizulta li l-konvenut kien l-editur tal-gazzetta 'Kulhadd' fid-data li gie ppubblikat l-artikolu in kwistjoni.

L-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa jipprovdi ghal kundanna tal-parti li tkun responsabbli ta' malafama f'ammont li ma jeccedix l-LM5,000 u jhalli fid-dikrezzjoni  tal-gudikant il-

fissazzjoni tas-somma li ghandha tithallas. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jigi kumpensat fl-ammont ta’ LM500.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut responsabbli ta’ malafama fil-konfront ta’ l-attur bl-artikolu fuq imsemmi u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ hames mitt liri Maltin (LM500).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------